# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

20 ta' Mejju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 24;
25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
25.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
25.6 Attivitajiet Tigrija, Festa Santa Margerita u Beer Festival ;
25.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24

25.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.24 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 25.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li b'sodisfazzjon bdew ix-xogħlijiet ta' asfaltar ta' Triq it-Tempju ta' l-Imramma, liema xogħlijiet ta' asfaltar miexi b'ritmu mgħaġġel, b'fondi mill-ministeru għal Għawdex. X'ħin titlesta din it-triq, il-kunsill ikun jista' jimplimenta it-*traffic management* ġdid. Is-sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, il-kunsill għandu joħroġ booklet/flyer b'informazzjoni fuq dan it-*traffic management* ġdid bir-ritratti ta' fejn ser ikunu il-bus stops u r-rotta l-ġdida tat-Transport Pubbliku. B'dispjaċir, is-sindku għarraf lill-kunsillieri, li l-proposta li jkun hemm servizz ta' Transport Pubbliku minn Ta' Sannat u Xlendi u viċi-versa, ma' ġietx approvata, peress li kien hemm oġġezzjonijiet minn naħa tal-kunsill tal-Munxar. Is-sindku qal, li se jara r-raġunijiet vera u ħa jitkellem ma' uffiċċjali ta' Transport Malta u jinforma lill-kunsillieri fil-laqgħa li ġejja. Il-kunsillera Cassar Sultana resqet proposta jekk il-kunsill jistgħax joffri servizz bil-van tal-kunsill biex in-nies ikunu jistgħu jinżlu x-Xlendi, bħal ma' jsir nhar t'Erbgħa lejn is-santwarju Ta' Pinu. Waqt li din il-proposta hija tajba, mhiex waħda sostenibbli, peress li jrid ikun hemm xufier f'ħinijiet differenti u ta' kuljum. Suġġeriment li għamel il-viċi sindku, kien li joħorġu leaflet bix-xogħol u l-attivitajiet li qed jorganizza l-kunsill, liema suġġeriement intlaqa' tajjeb mill-kunsilliera, pero', dan għalissa importanti li joħroġ booklet/flyer fuq it-*traffic management* ġdid.

25.3.2 Bħala kunsill, irid isir ftehim mal-korporazzjoni Enemalta rigward xogħlijiet fi Triq Dun Luqa peress li jridu jgħaddu xi cables ġodda taħt l-art, biex xħin jitlesta x-xogħol jingħata wiċċ it-triq bit-tarmac. Il-kunsill kien qed jagħti in-*no objection* bil-kundizzjoni li l-kuntrattur jagħmel l-asfaltar, pero', il-ftehim irid ikun mal-korporazzjoni biex tgħaddi l-fondi meħtieġa għax huma responsabbli mil-proġett. Il-kunsill imbagħad irid jagħmel l-istess ftehim mal-kuntrattur xħin jiġi biex jagħmel il-permessi neċessarji.

25.3.3 Il-kunsill qed jagħti ħafna importanza lit-toroq fir-raħal ta' Sannat. Is-sindku semma, li baqa' jsiru żewġ toroq li huma ġodda, waħda ma saritx peress li hemm kwistjonijiet fuq

proprjetà ma' terzi persuni u l-oħra mill-pjazzetta tax-Xelina l-fuq, liema fondi huma diġa disponibbli peress li l-korporazzjoni ta' l-ilma iridu jgħaddu xi zewġ mains ta' l-ilma, u mbagħad isir l-asfaltar.

25.3.4 Bi pjaċir is-sindku ħabbar, li l-kunsill iffirma l-kuntratt ma Project Green rigward il-proġett tal- belvedere ta' 28 April, fejn il-kunsill ingħata l-*full funding*. Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv ha jiltaqgħu mal-perit tal-kunsill biex ikunu jistgħu joħorġu tenderes fosthom l-għamara, fanali etċ marbuta mal-proġett. Is-sindku semma, li l-kunsill qed jirċievi ħafna ilmenti rigward żibel mitfugħ fil-bins, boroż taż-żibel li jinkludu l-borża s-sewda u l-organic u għalhekk, sfortunatement, il-bins qed jintużaw biex xi persuni jarmu l-boroż taż-żibel tagħhom f'dawn il-bins. Il-kunsillier Bajada ssuġerixxa li jitwaħħlu stickers mal-bins, imma xorta skond il-kunsillieri mhiex se tagħmel differenza kbira. Is-sindku semma biex ikun hemm iktar prezenza tal-community police, u anki l-kunsilliera Cassar Sultana semmiet li għandhom isiru kameras tas-sigurta. Is-sindku kkonferma li għada stess se jagħlqu l-proċess biex jitwaħħlu l-kameras tas-sigurta fid-daħla tar-raħal biex imbagħad ikomplu jaħdmu biex jagħmlu iktar kameras tas-sigurta fosthom Pjazza, Skerla u l-belveder ta' Triq 28 t'April. Għalkemm isiru iktar kameras tas-sigurta, xorta tibqa' responsabilta' ta' l-individwu għax b'xi mod jiskapula l-kameras. Il-kunsill kemm il-darba jnaddaf u jneħħi boroż taż-żibel, pero', l-għada stess jew dakinhar filgħaxija jerġgħu jinħarġu l-boroż u skart ieħor.

25.3.5 Illum stess, kien hemm ċirkustanza fejn il-community police ġiegħel lill-kuntrattur biex imur il-kunsill jagħmel permess. Dan il-kuntrattur ġab permess ta' użu ta' skip, pero', minflok skip għamel użu ta' high-up. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera biex fejn jaraw xi high-up jew krejn, jikkonfermaw mal-kunsill jekk hemmx il-permessi neċessarji. Bħala kunsill l-għan prinċipali huwa li jkunu ta' servizz lejn il-kommunita', pero', mgħandhomx il-poter li jinfurzaw il-liġi u joħorġu penali.

25.3.6 Rigward iz-zuntier ta' Pjazza Santa Margerita, is-sindku ħabbar, li x-xogħlijiet marbuta mal-bonavostri tlestew u hekk jistgħu jgħidu li x-xogħlijiet fuq iz-zuntier huma magħluqa. Is-sindku kellem lill-kuntrattur biex iġib il-cables mill-Enemalta, biex ikunu jistgħu jniżżlu l-aerial cables li hemm fil-pjazza taħt l-art. Minn naħa ta' l-Enemalta, dawn iridu jwaħħlu arblu fit-tarf tat-triq Cocco Palmieri biex ikunu jistgħu jitilgħu l-cables tad-dawl. Ta' min ifakkar ukoll, li l-korporazzjoni Enemalta, tista' tibda x-xogħlijiet li jitniżżlu l-cables tad-dawl f'Sannat Road, peress li hemm l-infrastruttura lesta.

25.3.7 Is-segretarju eżekuttiv talbet laqgħa rigward ir-rapport li bagħtu MCCAA marbut mal-playing field ta' Triq Marziena. Is-sindku kkonferma, li hemm xi affarijiet żgħar li jixtieq jiddiskutihom magħhom, fosthom il-*culvert* li hemm fil-parti t'isfel tal-playing field, fejn qed jgħidu li huwa ta' periklu, peress li hemm gap bejn is-slabs. Is-sindku saħaq, li dan il-*culvert* minn dejjem kien hemm u qatt ma' ġie rrapurtat xi inċident jew kien ta' periklu. Dan il-gap iservi ta' ventilazzjoni u anki bħala lqugħ ta' l-ilma li jinżel minn naħa ta' fuq tal-playing field biex evenwalment imur ġo l-għelieqi. Fir-rapport hemm imsemmi wkoll, li hemm xi katina li trid tinbidel, peress li hija *corroded,* u fil-fatt l-għaqda ta' l-armar li għandhom it-tender f'idejhom huma nfurmati biex jibdluha. MCCAA innutaw ukoll li hemm xi gap bejn iċ-ċappetti tal-gate ta' madwar 12mm fejn qed isostnu li jista' jkun ta' periklu għat-tfal li jitħaxxmu. Is-sindku qal, li jridu jagħmlu firrol li jinżel fl-art, biex xħin tkun

miftuħa l-gate ma' tibdiex titħarrek. Qabel ma' l-MCCAA tagħti ċertifikat, il-kuntrattur ma' jkunx jista' jitħallas, għalhekk huwa mportanti li dawn jissolvew.

25.3.8 Il-kunsilliera Cassar Sultana pproponiet li jitħawwlu aktar pjanti bil-fjuri staġonali fi Ġnien il-Bidwi. Hija kkonfermat, li ħafna familji qed jiffrekwentaw dan il-ġnien u ħeġġet biex isiru aktar attivitajiet f'dan il-ġnien, speċjalment għat-tfal. Is-sindku qal, li qed jitkissru xi bozoz f'dan il-ġnien u għalhekk huwa mportanti li jerġgħu jitwaħħlu l-kameras tas-siġurta li kien hemm qabel. Il-kunsillier Bajada fakkar lis-sindku biex ma' jinsewx l-ilment ta' resident li joqgħod f'dawn l-akkwati li qed jidħollu l-ilma fir-residenza tiegħu. Il-kunsill ser jieħu azzjoni fuq dan l-ilment.

25.3.9 Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet li għaddejjin xi xogħol fuq il-kalkara tal-ġir. Is-sindku kkonferma, li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet minn persuna tas-sengħa li qed jagħmel vera xogħol tajjeb. Il-perit hu mistenni li jmur għada fuq il-post ħalli jimmarka l-ġebel li jridu jinqalgħu, biex jidbiddlu u jitkaħħlu. Eventwalment, xħin jitlestew dawn ix-xogħlijiet ta' restawr, l-kunsill irid jaħseb fuq id-dawl artifiċjali mill-art. Is-sindku semma ukoll, li hemm ukoll bżonn li jagħmlu żewġ bozoz żgħar mal-faċċata tal-knisja peress li l-PAX qed tkun mudlama.

## 25.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

25.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet addizzjonali mill-kunsillieri.

## 25.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

25.5.1 Is-segretarju eżekuttiv bdiet il-komunikazzjoni tagħha billi qalet, li fit-30 ta' Mejju, jum l-elezzjoni ġenerali, il-binja tal-kunsill ser tkun magħluqa u din tinkludi wkoll il-librerija. Importanti li jkun hemm avviż urġenti fuq in-notice board tal-kunsill b'dan l-għeluq, speċjalment ħabba l-librerija.

25.5.2 L-iskola primarja u special unit ta' Sannat talbu lill-kunsill biex bħal kull sena jisponsorja l-field day ta' l-iskola fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju. Il-kunsillieri qablu unanimament li jaċċettaw din it-talba.

25.5.3 Is-superjur tal-MUSEUM talab permess biex jagħlaq it-triq quddiem il-mużew mill-wieħed u għoxrin (21) t'Settembru sal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru mis-6pm il-quddiem. Waqt li l-kunsillieri taw l-approvazzjoni tagħhom, huwa mportanti li jitqassam avviz lir-residenti, speċjalment li dawk li joqogħdu n-naħa ta' wara ta Triq Xamgħan u li jkun hemm presenza ta' pulizija waqt il-ħinijiet ta' l-għeluq tat-triq. Il-kunsilliera Cassar Sultana

ssuġġeriet li mal-ħajt ta' ħdejn il-mużew mal-kamra tad-dawl, għandha titwaħħal notice board. Is-sindku qal, li hemmhekk ser iwaħħlu l-istand tar-roti, u jippruvaw iwaħħlu noticeboard kif propost.

25.5.4 L-għaqda tan-nar Santa Margerita talbu l-permess biex isir toqba fit-tarmac ħabba reddiena tal-logħob tan-nar ta' l-art. Il-kunsillieri ma sabux oġġezzjoni biex din isir u ser ikellmu lill-membri ta' l-għaqda fuq id-dimensjoni tat-toqba.

## 25.6 Attivitajiet Jum Sannat, Wine Festival, Festa Santa Margerita u Beer Festival

25.6.1 Il-kunsill irid jibda jaħdem fuq il-festa Santa Margerita, speċjalment fuq it-tiġrija taż-żwiemel. Il-kunsill diġa ffirma l-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex wara li ġiet approvata t-talba minn naħa tal-kunsill.

25.6.2 Il-kunsill qed jaħseb fuq id-dramm 'Ġrajjiet Sannat', u għalhekk iridu jsibu data meta dan ser jittella. Għalkemm it-talba għal-fondi ma ngħatawx, il-kunsill qed jaħdem biex iġib fondi biex dan id-dramm jittella. Is-sindku kien qed jaħseb, li forsi tittella it-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa waqt l-ikla, pero', il-kunsillieri qablu , li fl-opinjoni tagħhom waqt l-ikla ikun hemm ħafna storbju u mhux l-idejali. Is-sindku qabel li m'għandhiex issir dak inhar, u qed jissuġġerixxi li dan id-dramm jittella fl-attivita ta' Jum Sannat 2027, is-Sibt erbgħa u għoxrin (24) t'April. Huwa ppropona li l-kunsilliera jkunu parti mid-dramm u jingħata Ġieħ Sannat 2027 bħala parti minn dan id-dramm. Cast li jieħdu sehem ser ikun wieħed kbir u xi ħaġa differenti mis-soltu. Is sindku jixtieq li dan id-dramm jiġi ffilmjat biex jibqa' tifkira.

25.6.3 Il-Beer Festival ser jittella' nhar il-Ħadd, sittax (16) ta' Awwissu, l-għada ta' Santa Marija, peress li din kienet l-unika data disponibbli. Bħala entertainment se jkunu mistiedna Ira Losco & Band. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-kwotazzjoni mingħand din il-band, filwaqt li qed jippruvaw ukoll iġibu band Għawdxija għal din l-attività. Is-Sindku qal li għandhom jaħsbu biex ikun hemm sezzjoni għat-tfal, bħal bouncing castle, għal din l-attività. Dwar l-għażla tal-post fejn jitellgħu l-attivitajiet tal-massa, il-Viċi Sindku stqarr li jkun hemm ftit tgergir meta tingħalaq il-pjazza, minħabba l-fatt li t-trasport pubbliku ma jkunx jista' jgħaddi. Is-Sindku saħaq li, filwaqt li jirrikonoxxi dan l-inkonvenjent, il-Kunsill għandu joffri servizz permezz tal-minibus tal-Kunsill, speċjalment lil dawk l-anzjani meta l-pjazza tkun magħluqa. Il-Kunsillier Bajada rċieva wkoll xi telefonati wara l-Wine Festival, fejn kien hemm ilmenti dwar ħoss għoli f'ħinijiet matul il-lejl. Il-Kunsilliera qablu li f'kull attività li ssir dejjem ser ikun hemm xi tip ta' inkonvenjent għar-residenti u ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil kulħadd. Ta' min isemmi wkoll li dawn l-attivitajiet isiru darba kull tant żmien u ma jsirux b'mod frekwenti. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li waħda mill-attivitajiet tal-massa ssir fi Triq 28 ta' April, bis-Sindku jisħaq li, għalkemm din hija idea tajba, wieħed

irid jikkunsidra l-aċċess għar-residenti ta' dawk in-naħat, kif ukoll il-fatt li l-belveder ser jitneħħa fi żmien qasir ieħor.

25.6.4 Wara l Beer Festival, bħas Sjuf li għaddew, jerġgħu jibdew isiru Friday nights, fejn ikun bands u kantanti mistiedna quddiem il-każini tar-raħal. Il-kunsill irid japplika għal fondi disponibbli minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex, biex ikopru l-ispejjeż marbuta.

## 24.7 Ilmenti u suġġerimenti

25.7.1 Il-kunsilliera Galea qalet, li rċiviet ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Moxa, rigward tliet ħofriet f'din it-triq li huma ta' periklu. Din ir-residenta għamlet rapport lill-kunsill, peress li għandha tifla bi bżonnijiet speċjali u qed isib diffikulta biex tirkeb il-van. Is-sindku qal, li veru hemm partijiet tat-triq li niżlet u din taqa' fir-responsabilta' tal-kunsill bħala manutenzjoni tat-toroq. Għalhekk ser ikellmu kuntrattur biex iqaxxar dawn il-patches, jimlewhom sew u jagħtu l-asfalt biex jiġi sew ix-xogħol. Apparti minnhekk, f'din it-triq saru xi dranaġġi u reinstatement tat-tarmac għadha ma saritx u hekk ikunu jistgħu jsiru wkoll, la darba it-triq tkun magħluqa u jkun qed isiru x-xogħlijiet.

25.7.2 Resident ressaq ilment mal-kunsilliera Galea fuq Triq il-Qortina (dead end), fejn hemm ħajt li qiegħed perikoluż. Is-sindku qal, li dan il-ħajt irid jinbena mill-ġdid, peress li huwa parti mit-triq u għalhekk pubbliku.

25.7.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fi Triq il-Gruwa, int u tiela' lejn Triq il-Lewż, jiġu rranġati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li bħalissa l-Miżura 4.4 hija magħluqa u jridu jistennew sakemm terġa' tinħareġ is-sejħa. Il-Viċi Sindku semma wkoll li għandhom isiru xi sinjali mal-art u anki xi xogħol ta' konkos mal-ħajt sabiex ma jikbirx ħaxix. Hemm ukoll xi ħofor li jridu jimtlew, peress li huma ta' periklu, bis-Sindku jikkonferma li dawn għandhom jiġu rranġati.

25.7.4 Il-kunsillier Bajada u l-kunsilliera Cassar Sultana semmew wkoll biex jerġgħu jagħtu reminder lill-kuntrattur biex tinżabar is-siġra tal-Harruba fit-tarf ta' Triq il-Kbira, peress li hija ta'periklu għas-sewwieqa. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li ser terġa tkellem lill-kuntrattur inkarigat u tara ġabx il-permessi meħtieġa.

25.7.5 Is-sindku semma li hemm xi tabella fi Triq Seguna li trid tinbidel peress li mgħaddhiex ċara. Il-kanna tat-tabella għadha sewwa, kull ma jrid isir hu li titibidel it-tabella ta' l-Stop Sign.

25.7.6 Il-viċi sindku fakkar wkoll li hemm xi double lines iridu jinżabħu fi Triq Seguna.

25.7.7 B' referenza għall-ilment 35/2026, il-Kunsill irċieva ilmenti rigward ħaxix ħażin u tabelli li ma għadhomx jidhru f' Mgarr ix-Xini.

25.7.8 B’ referenza għall-ilment 36/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma fejn ilmenta li hemm xi residenti li qed joħorġu l-iskart mhux fil-ġurnata li jinġabar. Huwa issuġġerixxa li jsiru kameras jew infurzar peress li qed jitħalla skart bl-adoċċ.

25.7.9 B’ referenza għall-ilment 37/2026, resident li joqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma ilmenta li hemm garage bla bieb f’ din it-triq li huwa mimli bl-iskart, kaxxi u skart tal-bini. Huwa talab li dan jitnaddaf.

25.7.10 B’ referenza għall-ilment 38/2026, resident li joqgħod fi Triq Skerla, ilmenta rigward skart mormi f’din it-triq. Huwa ilmenta ukoll rigward fanali mkissra.

25.7.11 B’ referenza għall-ilment 39/2026, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Ras in-Newwiela.

25.7.12 B’ referenza għall-ilment 40/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq Mġarr ix-Xini.

25.7.13 B’ referenza għall-ilment 41/2026, il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-Intervention Team MGOZ rigward tabella mkissra fi Triq Ta’ Ċenċ.

25.7.14 B’ referenza għall-ilment 42/2026, il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-Intervention Team MGOZ rigward tabella mkissra fi Triq Tal-Gruwa.

25.7.15 B’ referenza għall-ilment 43/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq Ta’ Ċenċ fejn ilmentat rigward il-veloċita qawwija li qed jgħaddu l-vetturi min din it-triq. Huwa ilmenta ukoll li kawża ta dan meta tkun ix-xita l-ilmijiet jidħlu sa ġewwa.

25.7.16 B’ referenza għall-ilment 44/2026, Transport Malta talbet l-kummenti tal-Kunsill rigward parkeġġ riservat personalizzat fi Triq it-Tempju tal-Imramma.

25.7.17 B’ referenza għall-ilment 45/2026, residenta li toqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma ilmentat rigward il-ħmieġ li hemm f’ din it-triq.

25.7.18 B’ referenza għall-ilment 46/2026, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira ilmentat li diversi vetturi kbar qed jolqtu l-gallarija tal-appartament tagħha fi din it-triq.

25.7.19 Kien hemm suġġeriment li jsiru *sleeping police* fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-segretarju eżekuttiv ser tapplika għalihom u jaraw x’risposti ser jingħataw.

## 25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 04/2026

258.1 Is-Segretarju Eżekuttiva resqet l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 04/2026 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

25.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-3.25pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal l-Erbgħa erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ġunju fl-1.30pm.

Konfermati, illum 24 ta’ Gunju 2026

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |